# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-21 ta' Ottubru 2008**

**li tistabbilixxi r-rekwiżiti standard għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard u mard żoonotiku tal-annimali kofinanzjati mill-Komunità**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6032)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/940/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(10) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribut finanzjarju tal-Komunità għall-programmi għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard u mard żoonotiku tal-annimali.

(2) Skont l-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, trid tiġi introdotta miżura finanzjarja tal-Komunità biex jiġu rimborsati l-ispejjeż li weħlu l-Istati Membri għall-finanzjament tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard u mard żoonotiku tal-annimali elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Wara li ġiet addottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard u mard żoonotiku tal-annimali ([2]) u sabiex jittejjeb aktar il-proċess ta' sottomissjoni, approvazzjoni u evalwazzjoni tal-progress matul l-implimentazzjoni tal-programmi, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/425/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi r-rekwiżiti standard għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard u mard żoonotiku tal-annimali għall-finanzjament mill-Komunità ([3]) aġġornat dawk ir-rekwiżiti standard sabiex tagħmilhom aktar konsistenti ma' dawk il-kriterji.

(4) Punt 7(e) tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/341/KE jistabbilixxi li l-programmi ta' eradikazzjoni sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għall-kofinanzjament irid ikun fihom regoli dwar il-kumpens xieraq lill-bdiewa għall-annimali li jridu jiġu maqtula fl-istruttura tal-programm u għall-prodotti li jridu jiġu meqruda.

(5) Huwa xieraq li jiġi stabbilit li fl-assenza tat-tali regoli jrid jitħallas kumpens fi żmien 90 jum, sabiex jiġi evitat it-tnaqqis fis-sostenn finanzjarju tal-Komunità.

(6) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistabbilixxi li l-Istati Memrbri jridu jissottomettu, għal kull programm approvat, rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji u, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, rapport tekniku dettaljat annwali li jinkludi stima tar-riżultati miksuba u rakkont dettaljat tal-ispejjeż għas-sena ta' qabel.

(7) Hemm sistema ta' evalwazzjoni stabbilita għall-istima tal-progress matul l-implimentazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni u kontroll. Is-sistema ta' evalwazzjoni tinkludi sistema ta' rapportaġġ għall-provvista ta' dejta epidemjoloġika mill-programmi bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/677/KE tat-22 ta' Awwissu 2002 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rapportaġġ standard għall-programmi ta' eradikazzjoni u kontroll kofinanzjati mill-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2000/322/KE ([4]).

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
([2]) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.
([3]) ĠU L 159, 18.6.2008, p. 1.
([4]) ĠU L 229, 27.8.2002, p. 24.

(8) Wara li ġiet addottata d-Deċiżjoni 2008/425/KE, huwa mixtieq li jkun hemm armonizzazzjoni tas-sistema tar-rapportaġġ u li d-Deċiżjoni 2002/677/KE tiġi revokata u sostitwita minn din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom, skont din id-Deċiżjoni, jissottomettu rapport intermedjarju u finali dwar il-programmi għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ adottati skont l-Artikolu 24 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

*Artikolu 2*

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, se japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "rapporti intermedji" jfissru rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji li jevalwaw il-programmi li għaddejjin, li jridu jiġu sottomessi lill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 24(7)(a) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

(b) "rapporti finali" jfissru rapporti tekniċi u finanzjarji dettaljati li jridu jiġu sottomessi lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena għas-sena sħiħa tal-applikazzjoni tal-programmi, kif stabbilit fl-Artikolu 24(7)(b) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

(c) "applikazzjonijiet ta' ħlas" ifissru applikazzjonijiet ta' ħlas relatati mal-ispejjeż li jeħel l-Istat Membru, li jridu jiġu sottomessi lill-Kummissjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 24(8) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

*Artikolu 3*

1. B'kunsiderazzjoni għall-programmi li għaddejjin approvati għall-kofinanzjament tal-Komunità skont l-Artikolu 24(5) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, irid jiġi sottomess rapport intermedjarju lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena.

2. Dawn ir-rapporti intermedji jridu jinkludu:

(a) rigward it-tuberkulosi bovina, il-bruċellosi bovina, il-bruċellosi ovina u kaprina (*B. melitensis*), il-Lewkosi Bovina Enzootika (EBL), il-marda Aujesky, il-Bluetongue f'żoni endemiċi jew ta' riskju għoli, id-deni tal-ħnieżer Afrikan, il-mard vesikulari tal-ħnieżer, id-deni klassiku tal-ħnieżer, l-Antraks, il-plewropnewmonite bovina kuntaġġuża, l-Ekinokokkosi, it-Trikinellosi, l-*E. Coli* verotossinoġenika, l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi I, II, III IV u VII, kif xieraq;

(b) rigward ir-rabja, l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi I u VII, kif xieraq;

(c) rigward is-Salmonellosi (salmonella żoonotika), l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi I, V.A u VII kif xieraq;

(d) rigward l-Enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli (TSE), l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII, kif xieraq;

(e) rigward l-influwenza tat-tjur fit-tjur u l-għasafar selvaġġi, l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IX, kif xieraq;

(f) rigward il-mard tal-annimali tal-akkwakultura bħan-nekrosi ħematopojetik infettiv (IHN), l-enemija infettuża tas-salmonidi (ISA), is-settiċemija emorraġika virali (VHS), l-Infezzjoni tal-virus Koi herpes (KHV), l-Infezzjoni tal-*Bonamia ostreae*, l-Infezzjoni tal-*Marteilia refringens*, il-marda tal-white spot fil-krustaċji, l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X, kif xieraq.

*Artikolu 4*

1. Ir-rapporti finali jridu jinkludu:

(a) rigward it-tuberkulosi bovina, il-bruċellosi bovina, il-bruċellosi ovina u kaprina (*B. melitensis*), il-Lewkosi Bovina Enzootika (EBL), il-marda Aujesky, il-Bluetongue f'żoni endemiċi jew ta' riskju għoli, id-deni tal-ħnieżer Afrikan, ilmard vesikulari tal-ħnieżer, id-deni klassiku tal-ħnieżer, l-Antraks, il-plewropnewmonite bovina kuntaġġuża, l-Ekinokokkosi, it-Trikinellosi, l-E. Coli verotossinoġenika, l-applikazzjoni tal-ħlas u l-informazzjoni rilevanti kollha inkluż, tal-anqas, l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi II, III, IV, V, VI, VII u fl-Annessi speċifiċi VII.A, VII.B, VII.C jew VII.D, kif xieraq;

(b) rigward ir-rabja, l-applikazzjoni tal-ħlas u l-informazzjoni rilevanti kollha inkluż, tal-anqas, l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi VII u VII.E, kif xieraq;

(c) rigward is-Salmonellosi (salmonella żoonotika), l-applikazzjoni tal-ħlas u l-informazzjoni rilevanti kollha inkluż, tal-anqas, l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi V.A, VI, VII u VII.F, kif xieraq;

(d) rigward l-Enċefalopatija sponġiformi trasmissibbli (TSE), l-applikazzjoni tal-ħlas u l-informazzjoni rilevanti kollha inkluż, tal-anqas, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII, kif xieraq;

(e) rigward l-influwenza avjarja fit-tjur u l-għasafar salvaġġi, l-applikazzjoni tal-ħlas u l-informazzjoni rilevanti kollha inkluż, tal-anqas, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IX, kif xieraq;

(f) rigward il-mard tal-annimali tal-akkwakultura bħan-nekrozi ħematopojetik infettiv (IHN), l-enemija infettuża tas-salmonidi (ISA), is-settiċemija emorraġika virali (VHS), l-Infezzjoni tal-virus Koi herpes (KHV), l-Infezzjoni tal-*Bonamia ostreae*, l-Infezzjoni tal-*Marteilia refringens*, il-marda tal-white spot fil-krustaċji, l-applikazzjoni għall-ħlas u l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż, tal-anqas, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X, kif xieraq.

2. Sabiex tiġi kompluta t-tabella stabbilita fl-Annessi VII C, D u F, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 296/96 [1], l-Istati Memri jridu jindikaw fil-kolonna "kumpens" il-kumpens mogħti bejn l-ewwel ġurnata u d-90 ġurnata wara l-qtil tal-annimali jew il-qerda tal-prodotti jew wara l-preżentazzjoni tal-pretensjoni kkompletata mis-sid. Fejn l-awtoritajiet ikkonċernati jagħmlu l-pagamenti ta' kumpens wara d-90 ġurnata (minn 91 sa 210 ġurnata wara), se japplika tnaqqis fis-sostenn finanzjarju tal-Komunità.

*Artikolu 5*

Id-Deċiżjoni 2002/677/KE ġiet revokata.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni se tapplika għall-programmi għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali li jridu jiġu implimentati mill-1 ta' Jannar 2009.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Ottubru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 39, 17.2.1996, p. 5.

*ANNESS I*

**REKWIŻITI GĦALL-EVALWAZZJONI TEKNIKA U FINANZJARJA INTERMEDJA**

Stat Membru: ..........................................................................................

Data: ..........................................................................................

Marda/marda żoonotika ([a]): ..........................................................................................

Speċi tal-annimal: ..........................................................................................

Kontenut minimu tal-evalwazzjoni:

1. evalwazzjoni teknika u finanzjarja:

1.1. konferma li l-leġiżlazzjoni kollha dwar l-implimentazzjoni tal-programm kienet diġà fis-seħħ mil-bidu tal-programm (jekk le, evalwazzjoni tas-sitwazzjoni).

1.2. evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-baġit neċessarji biex jitmexxa l-programm.

1.3. stima tal-flus li ntefqu fil-kuntest tal-programm għall-miżuri kofinanzjati.

1.4. previżjoni tal-flus li jridu jintefqu matul is-sena sħiħa taħt ir-rapport għall-miżuri kofinanzjati.

---

([a]) Marda jew marda żoonotika u l-ispeċi tal-annimal jekk neċessarju.

*ANNESS II*

**DEJTA DWAR L-IMRIEĦEL** ([a])
(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ........................ Data: ........................ Sena: ........................ Perjodu tar-rapport: ☐ Rapport intermedju

Marda ([b]): ........................ Speċi tal-annimal: ........................ ☐ Rapport finali

| Reġjuni ([c]) | Numru totali ta' mrieħel ([d]) | Numru totali ta' mrieħel taħt il-programm | Numru ta' mrieħel iċċekkjati ([e]) | Numru ta' mrieħel pożittivi ([f]) | Numru ta' mrieħel pożittivi ġodda ([g]) | Numru ta' mrieħel bi tnaqqis tal-popolazzjoni | % mrieħel pożittivi bi tnaqqis tal-popolazzjoni | Indikaturi | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | % mrieħel koperti | % mrieħel pożittivi Perjodu ta' prevalenza tal-imrieħel | % mrieħel pożittivi ġodda Inċidenza tal-imrieħel |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 = (7/5) × 100 | 9 = (4/3) × 100 | 10 = (5/4) × 100 | 11 = (6/4) × 100 |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | | | | | | | |
| Total – 1 ([g]) | | | | | | | | | | |

([a]) Mrieħel ugwali għal gruppi, jew intrapriża agrikola kif xieraq.
([b]) Mard u speċi tal-annimal jekk neċessarju.
([c]) Reġjuni kif definita fil-programm ta' eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
([d]) Numru totali ta' mrieħel li jeżistu fir-reġjuni inklużi l-imrieħel eliġibbli u mhux eliġibbli għall-programm.
([e]) Iċċekkja l-mezzi għall-eżekuzzjoni tat-test tal-livell tal-merħla taħt il-programm għall-mard rispettiv bl-għan li jinżamm, jiġi aġġornat, eċċ, l-istat tas-saħħa tal-merħla. F'din il-kolonna merħla m'għandhiex tingħadd darbtejn anki jekk ġiet iċċekkjata aktar minn darba.
([f]) Merħliet li għandhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu indipendentament min-numru ta' drabi li l-merħla ġiet iċċekkjata.
([g]) Merħliet li l-istat tagħhom matul il-perjodu preċedenti ma kienx magħruf, Mhux ħieles - negattiv, Ħieles, Uffiċjalment Ħieles jew sospiż u għandhom tal-anqas annimal wieħed pożittiv matul dan il-perjodu.
([g]) Dejta tas-sena preċedenti l-perjodu korrispondenti.

*ANNESS III*

**DEJTA FUQ L-ANNIMALI**

(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: .................... Data: .................... Sena: .................... Perjodu tar-rapport: ☐ Rapport intermedju

Marda ([a]): .................... Speċi tal-annimal: .................... ☐ Rapport finali

| Reġjuni ([b]) | Numru totali ta' annimali ([c]) | Numru ta' annimali ([d]) li jridu jiġu ttestjati taħt il-programm | Numru ta' annimali(d) ittestjati ([d]) | Numru ta' annimali(d) ittestjati ([e]) | Numru ta' annimali pożittivi | Qtil | | INDIKATURI | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Numru ta' annimali b'riżultat pożittiv maqtula | Numru totali ta' annimali maqtula ([f]) | % kopertura fuq il-livell tal-annimal | % annimali pożittivi Prevalenza tal-Annimali |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 = (4/3) × 100 | 10 = (6/4) × 100 |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | | | | | | |
| Total – 1 ([g]) | | | | | | | | | |

([a]) Mard u speċi tal-annimal jekk neċessarju.
([b]) Reġjuni kif definita fil-programm ta' eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
([c]) Numru totali ta' annimali li jeżistu fir-reġjuni inklużi l-imrieħel eliġibbli u mhux eliġibbli għall-programm.
([d]) Inklużi annimali ttestjati individwalment jew taħt l-iskema fuq livell ta' massa.
([e]) Inklużi biss annimali ttestjati individwalment, ma jinkludix annimali ttestjati minn kampjuni fuq livell ta' massa (pereżempju: testijiet tat-tankijiet tal-ħalib tal-massa).
([f]) Inklużi l-annimali pożittivi kollha maqtula u wkoll l-annimali negattivi maqtula taħt il-programm.
([g]) Dejta tas-sena preċedenti l-perjodu korrispondenti.

*ANNESS IV*

**DEJTA FUQ IL-PROGRAMMI TA’ VAĊĊINAZZJONI**
(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ........................ Data: ........................ Sena: ........................ Perjodu tar-rapport: ☐ Rapport intermedju ☐ Rapport finali

Marda ([a]): ........................ Speċi: ........................

| Reġjuni ([b]) | Numru totali ta’ mrieħel ([c]) | Numru totali ta’ annimali | Informazzjoni dwar il-programm ta’ vaċċinazzjoni għall-annimali żgħar | | | | Informazzjoni dwar il-programm ta’ vaċċinazzjoni ta’ massa | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru ta’ mrieħel fil-programm ta’ vaċċinazzjoni | Numru ta’ mrieħel vaċċinati | Numru ta’ annimal vaċċinati | Numru ta’ dożi ta’ vaċċin amministrati | Numru ta’ mrieħel fil-programm ta’ vaċċinazzjoni | Numru ta’ mrieħel vaċċinati | Numru ta’ adulti ([d]) vaċċinati | Numru ta’ annimali żgħar ([d]) vaċċinati | Numru ta’ dożi ta’ vaċċin amministrati |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | | | | | | | | |
| Total – 1 ([e]) | | | | | | | | | | | |

([a]) Mard u speċi tal-annimal jekk neċessarju.
([b]) Reġjuni kif definita fil-programm ta’ eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
([c]) Imrieħel ugwali għal gruppi, jew intrapriża agrikola kif xieraq.
([d]) Kif definit fil-programm.
([e]) Dejta tas-sena preċedenti l-perjodu korrispondenti.

*ANNESS V*

**DEJTA FUQ L-ISTAT TAL-IMRIEĦEL FI TMIEM IL-PERJODU**

(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ........................................ Data: .............................. Sena: ..............................

Marda ([a]): ........................................ Speċi: ..............................

| Reġjuni ([b]) | Stat tal-imriehel u l-annimali taht il-programm ([c]) | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru totali ta' mriehel u annimali taht il-programm | | Mhux magħruf ([d]) | | Mhux ħielsa jew uffiċjalment mhux ħielsa | | | | Ħielsa jew uffiċjalment ħielsa sospiżi ([g]) | | Ħielsa ([g]) | | Uffiċjalment ħielsa ([h]) | |
| | | | | | L-aħħar eżami pożittiv ([e]) | | L-aħħar eżami negattiv ([f]) | | | | | | | |
| | Imriehel | Annimali ([h]) | Imriehel | Annimali ([h]) | Imriehel | Annimali ([h]) | Imriehel | Annimali ([h]) | Imriehel | Annimali ([h]) | Imriehel | Annimali ([h]) | Imriehel | Annimali ([h]) |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | | | | | | | | | | | |
| Total – 1 ([i]) | | | | | | | | | | | | | | |

([a]) Mard u speċi jekk neċessarju.
([b]) Reġjuni kif definita fil-programm ta' eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru
([c]) Fl-aħħar tal-perjodu tar-rapport.
([d]) Mhux magħruf: Ebda riżultat ta' eżaminazzjoni preċedenti disponibbli.
([e]) Mhux ħielsa u l-aħħar eżami pożittiv: merħla ċċekkjata li kien fiha tal-anqas riżultat pożittiv wieħed fl-aħħar eżami.
([f]) Mhux ħielsa u l-aħħar eżami negattiv: merħla ċċekkjata b'riżultati negattivi fl-aħħar eżami imma mhux "ħielsa" jew "uffiċjalment ħielsa".
([g]) Sospiż kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità għall-marda rispettiva fl-aħħar tal-perjodu tar-rapport.
([g]) Merħla ħielsa kif definita fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità għall-marda rispettiva.
([h]) Merħla uffiċjalment ħielsa kif definita fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità għall-marda rispettiva.
([h]) Inkludi dawk l-annimali taħt il-programm li huma fl-imrieħel bl-istat riferit (kolonna tax-xellug).
([i]) Total tas-sena preċedenti fil-perjodu tar-rapport korrispondenti.

*ANNESS V.A*

## DEJTA FUQ IS-SALMONELLA ŻOONOTIKA

— Rapport tekniku intermedju

— Rapport tekniku finali

Stat Membru: ............................ Data: ............................ Sena: ............................ Perjodu tar-rapport: ☐ Rapport intermedju ☐ Rapport finali

Serotipi ta' Salmonella ([a]): ............................ Speċi tal-Annimal: ............................ Reġjuni ([g]): ............................

| Tip ta' grupp ([b]) | Numru totali ta' gruppi ([c]) | Numru totali ta' annimali | Numru totali ta' gruppi taht il-programm | Numru totali ta' annimali taht il-programm | Numru ta' gruppi ċċekkjati ([d]) | Numru ta' gruppi pożittivi ([e]) | | Numru ta' gruppi bi tnaqqis fil-popolazzjoni | | Numru totali ta' annimali maqtula | | Kwantità ta' bajd meqruda (numru jew kg) | | Kwantità ta' bajd mahsuba ghall-prodotti tal-bajd (numru jew kg) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Serotipi mmirati fil-programm ta' kontroll ([f]) | Serotipi ohra ([g]) | Serotipi mmirati fil-programm ta' kontroll ([f]) | Serotipi ohra ([g]) | Serotipi mmirati fil-programm ta' kontroll ([f]) | Serotipi ohra ([g]) | Serotipi mmirati fil-programm ta' kontroll ([f]) | Serotipi ohra ([g]) | Serotipi mmirati fil-programm ta' kontroll ([f]) | Serotipi ohra ([g]) |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |

([a]) Speċifika s-serotipi koperti mill-programmi ta' kontroll, pereżempju S. Enteritidis, S. Typhimurium, serotipi ohra (speċifika).
([b]) Pereżempju gruppi ta' riproduzzjoni (gruppi ta' adulti qed irabbu), gruppi ta' produzzjoni, gruppi ta' tiġieġ li qed ibidu, gruppi ta' brojlers, dundjani li qed jirriproduċu, dundjani żghar, hnieżer li qed jirriproduċu, hnieżer tal-qatla, eċċ. Gruppi ugwali ghal imriehel kif xieraq.
([c]) Numru totali ta' gruppi eżistenti fir-reġjuni inklużi gruppi eliġibbli u gruppi mhux eliġibbli ghall-programm.
([d]) Iċċekkjar ifisser l-eżekuzzjoni ta' test fuq livell ta' grupp taht il-programm ghall-preżenza tas-salmonella żoonotika. F'din il-kolonna grupp ma ghandux jinghadd darbtejn anki jekk ġie ċċekkjat aktar minn darba.
([e]) Jekk grupp ġie ċċekkjat, skond in-nota f'qiegh il-paġna (d), aktar minn darba, kampjun pożittiv irid jinghata konsiderazzjoni darba biss.
([f]) *Salmonella* Enteritidis jew *Salmonella* Typhimurium, *Salmonella* Hadar, Salmonella Virchow, *Salmonella* Infantis jew kwalunkwe serovars li huma l-mira tal-programmi ta' kontroll.
([g]) Serovars tas-salmonella minbarra dawk speċifikati u li huma l-mira tal-programm ta' kontroll.
([g]) Reġjun jew pajjiż kif xieraq.

*ANNESS VI*

**REKWIŻITI GĦAR-RAPPORT FINALI**

Stat Membru: ..........

Data: ..........

Marda/marda żoonotika ([a]): .......... Speċi tal-annimal: ..........

Kontenut minimu tar-rapport ([b]):

1. Sottomissjoni tad-dejta (Annessi II, III, IV, V u Va, kif xieraq)

2. Evalwazzjoni teknika tas-sitwazzjoni:

2.1. Mapep epidemjoloġiċi għal kull marda/infezzjoni

2.2. Informazzjoni dwar it-test djanjostiku wżat (tabella A):

*Tabella A*

| Marda/speċi | Test ([c]) | Tip ta' kampjun ([d]) | Tip ta' test ([e]) | Numru ta' testijiet eżegwiti |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |

2.3. Dejta dwar l-infezzjoni:

| Marda/speċi | Numru ta' mrieħel infettati | Numru ta' annimali infettati |
|---|---|---|
| | | |
| | | |

2.4. Raġunijiet għas-sospensjoni tal-istat ħieles jew uffiċjalment ħieles għal kull marda (tabella B):

*Tabella B*

| Marda/speċi | Raġuni ([f]) | Numru ta' mrieħel sospiżi |
|---|---|---|
| | | |

2.5. Kisba tal-miri u diffikultajiet tekniċi

2.6. Informazzjoni epidemjoloġika addizzjonali: informazzjoni dwar kwistjonijiet epidemjoloġiċi, aborti, leżjonijiet misjuba fil-biċċerija jew fin-nekroskopija, każijiet umani, eċċ.

3. Aspetti finanzjarji:

3.1. Tabelli kkompletati ta' Anness VII

3.2. Deskrizzjoni fil-qosor tal-flus li ntefqu fil-kuntest tal-programm

3.3. Lista dettaljata tal-ispejjeż eliġibbli.

---

([a]) Marda jew marda żoonotika u speċi ta' annimal jekk neċessarju.
([b]) Għall-programmi fuq is-salmonella żoonotika jridu jiġu koperti biss punti 1, 2.2, 2.3, 2.5, 2.6, u 3.
([c]) Indika: test tal-ġilda, RB, FC, iELISA, cELISA, iżolament, PCR, analiżi batterjoloġika, ohrajn (speċifika).
([d]) Indika jekk neċessarju: serum tad-demm, demm, plasma, ħalib, tank tal-massa tal-halib, leżjoni suspettuża, fetu, ħmieġ, bajd, tiġieġ mejtin, mekonju, ohrajn (speċifika).
([e]) Indika: test ta' eżaminazzjoni, test konfermatorju, test komplimentari, test ta' rutina, ohrajn (speċifika).
([f]) Indika r-raġuni:
— riżultat mhux negattiv fit-test djanjostiku,
— ma jilhaqx il-frekwenza tat-test tar-rutina,
— dħul ta' annimali fil-merħla li għandhom stat insuffiċjenti,
— suspett tal-preżenza tal-marda,
— ohrajn (speċifika).

*ANNESS VII*

**RAPPORT FINANZJARJU INTERMEDJU/FINALI U APPLIKAZZJONI TAL-ĦLAS**
(tabella waħda għal kull marda/marda żoonotika/speċi)

Stat Membru: .................................... Data: .................... Sena: .................... Perjodu tar-rapport: ☐ Rapport intermedju ☐ Rapport finali

Marda/marda żoonotika: .................................... Speċi: ....................................

| Reġjuni ([a]) | Miżuri eliġibbli għall-kofinanzjament ([b]) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Kumpens | Analiżi tal-laboratorju jew test djanjostiku ieħor tal-kampjuni uffiċjali | Vaċċini | Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| **Total** | | | | | |

([a]) Reġjuni kif definiti fil-programm ta’ eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
([b]) Id-dejta trid tingħata fil-munita nazzjonali, eskluża l-VAT.

Aħna niċċertifikaw li:

— din l-ispiża saret verament, ingħata rendikont akkurat fuqha, u hija eliġibbli taħt id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni/Regolament (KE) Nru … (semmi d-deċiżjoni finanzjarja speċifika);

— id-dokumenti ġustifikattivi kollha relatati mal-ispejjeż huma disponibbli għall-ispezzjoni, notevolment biex jiġġustifikaw il-livell ta’ kumpens għall-annimali;

— l-ebda kontribuzzjoni tal-Komunità ma kienet mitluba għal dan il-programm u d-dħul kollu mill-operazzjonijiet taħt il-programm ġew iddikjarati lill-Kummissjoni;

— il-programm ġie eżegwit skond il-leġislazzjoni tal-Komunità rilevanti, b’mod partikolari r-regoli dwar il-kompetizzjoni, l-għoti ta’ kuntratti pubbliċi u l-għajnuna tal-istat;

— il-proċeduri ta’ kontroll japplikaw, b’mod partikolari għall-verifika tal-akkuratezza tal-ammonti dikkjarati għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet.

Data: ....................................

Isem u firma tad-direttur operattiv: ....................................

*ANNESS VII.A*

## ANNESS TAR-RAPPORT FINANZJARJU FINALI DWAR IL-PROGRAMMI GĦALL-ĦNIEŻER

Stat Membru: .................................... Perjodu ta' referenza: ....................................

Sena: .................................... Speċi: ....................................

### Marda ta' aujesky – Deni klassiku tal-ħnieżer – Deni afrikan tal-ħnieżer – Mard versikulari tal-ħnieżer (1)

| Reġjuni (2) | Miżuri eliġibbli għall-kofinanzjament (3) | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Analiżi tal-laboratorju u testijiet djanjostiċi ohra | | | | | | Vaċċinazzjoni | | | | | |
| | Numru ta' testijiet jew analiżi tal-laboratorju (speċifika t-tip ta' test jew analiżi) | | | Spejjeż għat-testijiet jew l-analiżi tal-laboratorju (speċifika t-tip ta' test jew analiżi) | | | Numru ta' dożi tal-vaċċin u lixkiet (speċifika t-tip ta' vaċċin) | | Spejjeż għad-dożi tal-vaċċin u l-lixkiet (speċifika t-tip ta' vaċċin) | | Spejjeż għad-distribuzzjoni (speċifika t-tip ta' distribuzzjoni) | |
| | ELISA | Ohrajn (speċi-fika) | Ohrajn (speċi-fika) | ELISA | Ohrajn (speċi-fika) | Ohrajn (speċi-fika) | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | 0 | 0 | 0 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0 | 0 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |

(1) Programm wieħed f'kull tabella. Jekk jogħġbok żomm biss il-programm konċernat billi tħassar l-oħrajn.
(2) Reġjuni kif definita fil-programm ta' eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
(3) Id-dejta trid tingħata fil-munita nazzjonali, eskluża l-VAT.

*ANNESS VII.B*

## ANNESS TAR-RAPPORT FINANZJARJU FINALI GĦALL-PROGRAMM TAL-*BLUETONGUE*

Stat membru: ..................................................

Perjodu ta' referenza: ..................................................

Sena: ..................................................

Speċi: ..................................................

***Bluetongue***

| Reġjuni ([1]) | Miżuri eliġibbli għall-kofinanzjament ([2]) | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Analiżi tal-laboratorju u testijiet djanjostiċi oħra | | | | | | Vaċċinazzjoni | | | | | | Miżuri oħra | | | |
| | Numru ta' testijiet jew analiżi tal-laboratorju (speċifika t-tip ta' test jew analiżi) | | | Spejjeż għat-testijiet jew għall-analiżi tal-laboratorju (speċifika t-tip ta' test jew analiżi) | | | Numru ta' dożi tal-vaċċin (speċifika t-tip ta' vaċċin) | | | Spejjeż għad-dożi tal-vaċċin (speċifika t-tip ta' vaċċin) | | | Għamla tal-miżuri (jekk jogħġbok speċifika) | | Spejjeż għall-miżuri (jekk jogħġbok speċifika) | |
| | ELISA | Oħrajn (speċifika) | Oħrajn (speċifika) | ELISA | Oħrajn (speċifika) | Oħrajn (speċifika) | | | | | | | Nases | Oħrajn | Nases | Oħrajn |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | 0 | 0 | 0 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0 | 0 | 0 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0 | 0 | 0,00 | 0,00 |

([1]) Reġjuni kif definita fil-programm ta' eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
([2]) Id-dejta trid tingħata fil-munita nazzjonali, eskluża l-VAT.

*ANNESS VII.C*

PARTI 1

## ANNESS TAR-RAPPORT FINANZJARJU FINALI GĦALL-PROGRAMM TAL-BOVINI

Stat membru: ..................... Perjodu ta' referenza: .....................

Sena: ..................... Speċi: .....................

**Bruċellosi bovina – Tuberkulosi bovina – Lewkosi bovina enżootika** (1)

| Reġjuni (2) | Miżuri eliġibbli għall-kofinanzjament (3) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kumpens | | | | | | | |
| | Numru ta' annimali kumpensati | Prezz totali tal-annimali kumpensati | Prezz tal-annimali kumpensati fi żmien 90 jum | Prezz tal-annimali kumpensati fi żmien bejn 91 & 120 jum | Prezz tal-annimali kumpensati fi żmien bejn 121 & 150 jum | Prezz tal-annimali kumpensati fi żmien 151 & 180 jum | Prezz tal-annimali kumpensati fi żmien bejn 181 & 210 jum | Ammont riċevut għas-salvataġġ (għall-BB u l-TB biss) |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| **Total** | 0 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |

(1) Programm wieħed kull tabella. Jekk jogħġbok żomm biss il-programm konċernat billi tħassar l-oħrajn.
(2) Reġjuni kif definiti fil-programm ta' eradikazzjoni approvat tal-Istat Membru.
(3) Id-dejta trid tingħata fil-munita nazzjonali, eskluża l-VAT.

PARTI 2

## ANNESS TAR-RAPPORT FINANZJARJU FINALI GĦALL-PROGRAMM TAL-BOVINI

Stat membru: ..................................... Perjodu ta' referenza: .....................................

Sena: ..................................... Speċi: .....................................

### Bruċellosi bovina – Tuberkulosi bovina – Lewkosi bovina enżootika (1)

